MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2010

Rikors Numru. 425/2009

Fl-atti tal-Ittra Ufficjali Nru. 3643/08 tal-1 ta' Dicembru, 2008, fl-ismijiet:

**IL-KUMMISSARJU TAT-TAXXI INTERNI**

vs

Elvio **CAUCHI**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors imressaq minn Elvio Cauchi fil-5 ta' Mejju, 2009, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talab li din il-Qorti tiċħad it-talba magħmula lilu mill-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni f' ittra uffiċjali tal-1 ta' Diċembru, 2008 li biha talbu jħallas tnax-il elf ħames mija

u tletin euro (€12,530) u biex twaqqaf l-eżekuzzjoni tal-imsemmija ittra uffiċjali;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-Kummissarju intimat fl-4 ta' Ġunju, 2009, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqa' billi, b' mod preliminari, qal li r-Rikors ma jiswiex u li, f' kull każ, tressaq bla ma tħarsu d-dispożizzjonijiet tal-art 460 (1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Laqa' wkoll fil-mertu billi qal li s-somma li huwa interpella lir-rikorrent biex iħallas kienet somma mistħoqqa tassew;

Rat in-Nota mressqa mill-Kummissarju intimat[1] waqt is-smigħ tal-lum li biha huwa għarraf lill-Qorti li, fiż-żmien li kienet qiegħda tinstema' din il-kawża, r-rikorrent ottempera ruħu ma' dak mitlub minnu fl-imsemmija ittra uffiċjali u ma kienx għadu qiegħed jisħaq għal xi ħlas min-naħa tal-istess rikorrent;

Rat in-Nota mressqa f' isem ir-rikorrent waqt is-smigħ tal-lum mill-avukat tiegħu[2], li biha u fid-dawl tan-Nota mressqa mill-Kummissarju intimat, ċeda r-rikors fil-mertu, imma żamm sħiħa l-kawżali tal-kap tal-ispejjeż billi jibqa' bla taxxa bejn il-partijiet;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-avukati tal-partijiet dwar il-kap tal-ispejjeż waqt is-smigħ tal-lum;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

***Ikkunsidrat:***

Illi kif jidher minn dak li ssemma iżjed 'il fuq, il-mertu tal-kwestjoni li waslet għall-ftuħ ta' din il-kawża m' għadux fis-

[1] F' paġ 18 tal-proċess
[2] F' paġ 12 tal-proċess

seħħ. Ir-rikorrent, għalhekk, ċeda t-talba tiegħu billi ma għadx fadallu interess li jieħu deċiżjoni dwar dik it-talba;

Illi huwa żamm il-kap tal-ispejjeż u qiegħed jippretendi li kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha għaliex ħareġ li, sa mill-bidu nett, il-Kummissarju intimat ma kellux jedd għall-ebda ħlas mingħandu u għalhekk ġiegħel lir-rikorrent biex jiftaħ din il-kawża għalxejn;

Illi l-intimat jaqbel li, mill-eżerċizzju li sar, kien minnu li r-rikorrent irriżulta li ma kellu jħallas xejn lill-intimat. Iżid jgħid, madankollu, li dal il-fatt irriżulta wara li r-rikorrent ottempera ruħu (billi bagħat il-formoli tas-'*self assessment'* li hu kien naqas li jibgħat fiż-żmien xieraq) u li r-rikorrent għamel dan wara li kien diġa' ressaq din il-kawża. Huwa jisħaq li kien imġiegħel li jtella' l-istima tiegħu "*ex ufficio*" u li jibgħat l-ittra uffiċjali mertu tal-każ sewwasew għaliex ir-rikorrent naqas li jressaq id-dokumenti u denunzji meħtieġa f' waqthom;

Illi l-Qorti tifhem li r-raġuni waħdanija li tat bidu għas-sensiela ta' ġrajjiet li wasslu għall-kawża tal-lum kien in-nuqqas min-naħa tar-rikorrent li jwettaq f' ħinu dak li kien marbut li jagħmel skond il-liġi. Li kieku wettaq tempestivament dak id-dmir, kien xorta waħda jkun f' qagħda li juri li hu ma kellu jħallas xejn lill-intimat u kien jeħles ukoll lill-istess intimat milli jkollu jagħmel il-proċeduri li taw bidu għal din il-kawża;

Illi l-Qorti hija bil-liġi[3] mogħtija s-setgħa li tordna li kull parti f' kawża terfa' l-ispejjeż tagħha; iżda biex dan isir trid tirriżulta "xi raġuni tajba" hemm maħsuba. F' dan il-każ, u għar-raġunijiet li ssemmew aktar qabel, il-Qorti ma jidhrilhiex li r-rikorrent ta raġuni tajba għaliex din il-Qorti jmissha tħaddem dik ir-regola;

Illi, bħala regola[4], il-parti f' kawża li ċċedi jew tirrinunzja għall-atti li tkun ressqet trid ukoll tħallas l-ispejjeż tal-kawża u dan jgħodd ukoll meta l-parti l-oħra ma taċċettax il-kundizzjoni li dik il-parti tkun rabtet maċ-ċessjoni. Huwa

[3] Art 223(3) tal-Kap 12
[4] Art 907 (2) tal-Kap 12

naturali wkoll li l-ispejjeż ta' parti li ċċedi l-atti jkunu anqas milli kieku l-kawża kellha tibqa' sejra sas-sentenza fil-mertu[5];

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tastjeni** milli tqis it-talba tar-rikorrent fil-mertu, u dan fid-dawl tan-Nota ta' Ċessjoni mressqa minnu waqt is-smigħ; u

**Tordna** li r-rikorrent iħallas **l-ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[5] Par 30 tat-Tariffa E tal-Iskeda A tal-Kap 12